A.L. 137 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1993 dwar id-Drittijiet (Żbir, Bexx u Tilqim)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Ikel, Agrikoltura u Sajd, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar id-Drittijiet (Żbir, Bexx u Tilqim).

Drittijiet.

2. (1) Id-drittijiet speċifikati fit-tieni kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jitħallsu lid-Direttur ta' l-Agrikoltura dwar is-servizzi msemmija fl-ewwel kolonna ta' l-istess Skeda.

(2) Tnaqqis ta' 25% fuq id-drittijiet speċifikati fit-tieni kolonna ta' l-Iskeda jingħata lil persuni li jkollhom il-Karta ta' Reġistrazzjoni tal-Bdiewa *full time* maħruġa lilhom mid-Direttur ta' l-Agrikoltura. Id-drittijiet kif hekk imnaqqsa għandhom jitħallsu lid-Direttur ta' l-Agrikoltura dwar is-servizzi msemmija fl-ewwel kolonna ta' l-istess Skeda.

Jirrevoka l-A.L. 63 ta' l-1980.

3. Ir-regolamenti ta' l-1980 dwar id-Drittijiet (Żbir, Bexx u Tilqim), huma b'dan imħassrin.

SKEDA

(Regolament 2)

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
	Lm c
1. Bexx	
(a) Bexx ta' siġar ornamentali u tal-frott (ċitru, frott tal-għadma, frott irqieq u dwieli fuq kannizzati) kull siġra	1.00
L-inqas dritt	3.00
(b) Bexx ta' uċuħ tar-raba' (patata, basal, dwieli u prodotti oħra) għal kull 0.112 ta' ettaru (tomna)	1.60
L-inqas dritt	5.00
(ċ) Bexx ta' Prodotti tas-Serer kull 250m^2	1.60
L-inqas dritt	5.00

2. Żbir u Tilqim

Żbir u tilqim (għal kull siġra)

Żgħira	1.50
ta' daqs Medju	2.50
Kbira	3.00
L-inqas dritt	3.00

3. Sterilizzazzjoni ta' Serer

Sterilizzazzjoni ta' Serer bil-*mobile boiler*, għal kull siegħa *steam*	5.00.